## Qorti Civili - Prim'Awla

**Onor. Imhallef : Dr. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tas-16 ta' Frar 2001**

**Citazjoni numru 1345/94 GC**

**John u Monica konjugi Pisani u b'sentenza in parte tat-30 ta' Marzu, 1995 il-Qorti ordnat li l-isem John jitbiddel u jithassar b'isem Anthony**

**vs**

**John u Patricia konjugi Borg Bartolo u b'sentenza in parte tat-30 ta' mejju 1995, il-Qorti ordnat li l-isem Patricia jithassar u jinbidel bl-isem Ina**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi l-attur kien involut fl-incident awtomobilistiku li sehh nhar il-25 ta' Gunju 1994 ghat-2.45 p.m. fi Triq il-Wied, Birkirkara, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut stante li bi traskuragni, b'imperizja u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku huwa baqa' diehel b'velocita qawwija bil-vettura tieghu Skoda U-5078 fuq in-naha tal-genb ta' wara tal-vettura Mercedes W-4067 proprjeta' tal-attur;

Illi b'rizultat tal-kollizjoni msemmija l-attur sofra hsarat fil-vettura tieghu fl-ammont ta' seba' mija tmienja u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm 768.12,0);

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu lill-atturi ghall-hsara li kkagunawlhom huma baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-25 ta' Gunju 1994 ghat-2.45 p.m. fi Triq il-Wied, Birkirkara liema incident sehh kawza tat-traskuragni, imperizja u negligenza tal-istess konvneut;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-incident ilmentat fl-ammont ta' seba' mija tmienja u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm768.12,0) jew somma ohra verjuri;

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma msemmija jew somma ohra hekk likwidata;

Bl-ispejjez tal-prezenti nkluza l-ittra ufficjali tat-30 ta' Awissu 1994 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tal-hlas eventwali, kollha kontra l-konvenuti li gew ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti John u Patricia Borg Bartolo, presentata fit-2 ta' Dicembru 1994, fejn gie eccepit:-

1. Illi c-citazzjoni hija nulla stante illi d-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi ma gietx mahlufa mill-atturi jew almenu minn wiehed minnhom;

2. Illi ma hemm ebda konjugi Pisani li jisimhom John u Monica kif msemmi fic-citazzjoni u ghaldaqstant il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi l-konvenuti John u Patricia Borg Bartolo ma humiex konjugi kif deskritti fic-citazzjoni;

4. Illi l-vettura Mercedes W-4067 msemmija fic-citazzjoni ma hijiex proprjeta tal-atturi u ghaldaqstant l-istess atturi ma ghandhomx interess ifittxu ghad-danni;

5. Illi l-konvenuta Patricia Borg Bartolo ma kienet involuta bl-ebda mod fl-incident awtomobilistiku msemmi fic-citazzjoni;

6. Illi fil-meritu l-incident awtomobilistiku fi Triq il-Wied, Birkirkara gara unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tas-sewwieq tal-vettura Mercedes W-4067, certu Anthony Pisani;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti John u Patricia Borg Bartolo debitament konferamata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza ta'din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-30 ta' Marzu 1995 min fejn jirrizulta illi t-talba tal-atturi ghal korrezzjoni fl-okkju tal-kawza billi l-isem tal-attur indikat 'John' jigi sostitwit bl-isem 'Anthony' u billi kull fejn mart il-konvenut indikata 'Patricia' tigi sostitwita bl-isem 'Ina' giet akkolta u illi gew michuda l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenuti sakemm dawn huma diretti ghal dikjarazzjoni dwar l-irritwalita' ta' l-atturi u gie ordnat li l-konvenuti jigu mill-gdid notifikati bl-atti kif korretti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Borg Bartolo, presentata fis-16 ta' Gunju 1995, fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghanhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-knvenut John Borg Bartolo izda b'tort unikament tal-attur Anthony Pisani li kien isuq il-karozza Mercedes numru W-4067, minhabba imperizja, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Minghajr pregudizzju ghal premess il-karozza Mercedes numru W-4067 involuta fil-kollizzjoni ma hiex proprjeta' tal-atturi u ghalhekk l-istess atturi ma sofrewx id-danni minnhom reklamati;

3. Illi l-esponenti sofrew danni minhabba l-imsemmi incident tat-traffiku imsemmi fic-citazzjoni, liema danni huma responsabbli ghalihom l-atturi u ghalhekk l-esponenti qed jiprevalixxu ruhhom minn dina l-kawza u jaghmlu l-kontro-talba taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti fejn gie premess:-

Illi fil-25 ta' Gunju 1994 f'xit-2.45 p.m. f'Valley Road, Birkirkara waqt li l-attur Anthony Pisani kien isuq il-karozza Mercedews numru W-4067 huwa habat mal-konvenut John Borg Bartolo li kien isuq il-karozza Skoda numru U-5078, b'konsegwenza ta' liema incident -konvneut sofrew danni kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-attur Anthony Pisani minhabba imprudenza, negligenza, nuqqass ta' hila u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess attur;

Illi l-attur ghalkemm mitlub b'ittra ufficjali tat-3 ta' Ottubru 1994 biex jaddivjeni ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-konvenut fl-imsemmi incident tat-traffiku, izda l-attur baqghu inadempjenti;

Ghalhekk il-konvenuti talbu li l-atturi jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-attur unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara minhabba imprudenza, negligenza, nuqqas ta' hila u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur u ghad-danni konsegwenzjali li garbu l-konvenuti fl-imsemmi ncident;

2. tillikwida l-imsemmija danni sofferti mill-konvenuti fl-istess incident jekk jinhtieg anke bl-opera ta' periti nominandi; u

3. tikkundanna lill-istess atturi ihallsu lill-knovenuti dik is-somma hekk likwidata bhala danni;

Bl-ispejjez inkluzi Lm3 tal-isketch u ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Ottubru 1994 u bl-imghax mid-data tal-imsemmi incident kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, presentat mal-kontro-talba, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjoniet tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti fejn gie eccepit illi l-kontro talba tal-atturi ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li hija nfondatata fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident meritu tal-vertenza sehh b'tort uniku tal-konvenut John Borg Bartolo ghar-ragunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni tal-esponenti annessa mac-Citazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur u lill-konvenut u lix-xhieda minnhom prodotti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru 1998;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza tittratta incident stradali li sehh fil-25 ta' Gunju 1994, kmieni wara nofs inhar, fi Triq il-Wied, Birkirkara. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attur li kien qed isuq il-vettura Mercedes W-4067 u l-konvenut li kien qed isuq il-vettura Skoda U-5078. L-atturi jippretendu li kien il-konvenut li kien jahti ghal dan l-incident, filwaqt li l-konvenuti jsostnu li kien l-attur li kien responsabbli ghall-istess incident. Ghallhekk ukoll il-konvenuti ghamlu kontro-talba;

In vista tal-imsemmija sentenza tat-30 ta' Marzu 1995 u tal-fatt li l-konvenuti ppresentaw nota ta' eccezzjonijiet gdida wara l-istess sentenza, mhux ser tigi kunsidrata l-ewwel nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti, izda ser tinghata konsiderazzjoni biss lit-tieni nota ta' eccezzjonijiet, li maghha l-konvenuti ppresentaw kontro-talba. F'din it-tieni nota ta' eccezzjonijiet apparti l-eccezzjoni fil-meritu, l-konvenuti ssottomettew ukoll li l-karozza li kienet qed tinsaq mill-attur meta grat din il-kollizzjoni mhux proprjeta' tal-atturi u ghalhekk l-istess atturi ma jistghux jipprocedi f'din l-azzjoni stante li huma ma sofrewx ebda danni;

Dwar din l-eccezzjoni preliminari, il-konvenuti naqsu li jipproducu l-ahjar prova dwar minn kien is-sid tal-vettura misjuqa mill-attur. Huwa minnu li l-attur, fil-kors tad-deposizzjoni tieghu, qal li l-licenzja tal-vettura misjuqa minnu kienet ghada fuq minn kien bieghlu l-istess vettura. Jista jkun, pero', li l-attur ghamel din id-dikjarazzjoni bi zball, peress li huwa zied jghid li kien ghadu qed ihallas il-karozza. F'dan il-kaz, il-prattika kostanti hi li l-vettura tkun effettivament licenzjata fuq ix-xerrej, filwaqt li l-venditur jirregistra mal-awtoritajiet kompetenti certi drittijiet stante li l-prezz kollu ma jkunx ghadu thallas. In vista ta' dan ma jistax jigi eskluz li l-vettura in kwestjoni kienet effettivament licenzjata fuq isem l-attur, li ghalhekk ghandu jigi ritenut li huwa sid tal-istess vettura. Difatti l-attur esibixxa xi dokumenti (NZ1 u NZ2 - fol.86) minn fejn jirrizulta li effettivament l-istess vettura kienet assikurata fuq ismu. In vista ta' dan kollu l-imsemmija eccezzjoni preliminari zgur li ma tistax tigi akkolta;

Jirrizulta li dan l-incident sehh meta l-attur, li kien ghaddej fi Triq il-Wied, Birkirkara, sejjer fid-direzzjoni tal-Imsida, ried immur f'pompa tal-petrol li tinsab fuq in-naha l-ohra tal-istess triq. Ghalhekk l-attur kellu jaqsam il-karreggjata tat-traffiku li jkun gej mid-direzzjoni opposta. L-attur jghid li qabel ma beda jaqsam din il-karreggjata huwa waqaf fejn hemm il-linji maqtughin fit-triq, xeghel l-indicator, u, peress li ma rax karozzi gejjin, beda jaqsam it-triq. Huwa jghid li x'hin kien nofsu dahal fil-pompa tal-petrol intlaqat mill-karozza li kienet qed tinsaq mill-konvenut;

Da parti tieghu l-konvenut jghid li kien qed isuq fl-imsemmija triq sejjer fid-direzzjoni ta' Birkirkara, cioe kien ghaddej f'dik il-karreggiata tat-triq li l-attur kien qed jaqsam. Huwa qal li ra l-attur gej mid-direzzjoni opposta u qal ukoll li l-attur qabad u qasam il-kareggjata tat-triq minn fejn kien ghaddej huwa. Huwa jghid li minhabba din il-manuvra tal-attur sehhet il-kollizzjoni in kwestjoni. Il-konvenut zied jghid li huwa azzjona l-brakes pero' xorta wahda laqat il-karozza misjuqa mill-attur;

Mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut ghandu jigi ritenut esklusivament responsabbli ghal din il-kollizzjoni, li grat minhabba l-velocita eccessiva li kien ghaddej biha l-istess konvenut. Mill-iskizz (fol.63) jidher li l-konvenut halla "brake marks" ta xi tletin (30) metru. Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut kien ghaddej b'velocita' aktar milli jmissu dato c-cirkostanzi li kien jinsab fihom. Difatti l-konvenut stess qal meta xehed f'dawn il-proceduri li ma setax jemmen li kien ghaddej b'velocita' daqshekk qawwija;

Ma tirrizulta ebda responsabilita' da parti tal-attur. Hu verosimili li l-attur beda jaqsam il-karreggiata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta meta huwa kien ha l-prekawzjonijiet kollha sabiex jassigura li huwa fil-fatt seta jaqsam l-istess karreggiata. In effett jirrizulta li l-attur kien gia nofsu dahal fil-pompa tal-petrol meta ntlaqat mill-konvenut. F'dan ir-rigward il-konvenut stess ma eskludix li meta saret il-habta l-attur kien ga beda diehel fil-petrol station;

Il-konvenut jghid li l-attur kien diehel fil-petrol station mill-fetha minn fejn generalment johorgu l-karozzi mhux jidhlu. Fl-ewwel lok ghandu jinghad li ma tirrizulta ebda regola fissa minn fejn kellhom jidhlu jew johorgu karozzi fil-petrol station in kwestjoni. Fi kwalunkwe kaz dan il-fatt allegat mill-konvenut, anke jekk pruvat, ma jbiddel xejn ghar-rigward tar-responsabilita tal-kollizzjoni in kwestjoni li grat unikament minhabba l-velocita' li kien ghaddej biha l-konvenut;

Jirrizulta li l-attur, sabiex sewwa l-hsarat li garrbet il-vettura tieghu bhala konsegwenza ta' din il-kollizzjoni, nefaq is-somma ta' seba mija u tmienja u sittin lira u tnax-il centezmu (Lm768.12c). Ghalhekk id-danni sofferti mill-attur qed jigu likwidati fl-imsemmija somma ta' Lm768.12;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi fl-ewwel lok dwar il-kontro-talba tal-konvenuti billi tilqa l-eccezzjonijiet tal-atturi u b'hekk tichad it-talbiet kollha tal-konvenuti kif kontenuti fl-istess kontro-talba u fit-tieni lok dwar it-talbiet kif kontenuti fic-citazzjoni billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u b'hekk tilqa l-istess talbiet kif kontenuti fic-citazzjoni u tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni li sehh fil-25 ta' Gunju 1994 fi Triq il-Wied, Birkirkara; tillikwida d-danni sofferti mill-atturi f'dan l-incident fl-ammont ta' seba' mija tmienja u sittin liri maltin u tnax-il centezmu (Lm768.12,0) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' Lm768.12 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta din ic-citazzjoni;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.